

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/516

tat-3 ta' April 2020

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdivizzjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bli-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tiġi invokata f'konformita mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2020.

*Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Stephen QUEST
Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni
Doganali*

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Tubu vojta ta' liga taż-żirkonju miftuħ fiż-żewġ itruf, b'tul ta' madwar 4 m u piż ta' madwar 0,5 kg.</p> <p>It-tubu huwa ddisinjat biex jimtela bil-fjuwil nukleari, jiġi wweldjat, assemblat u ssiġillat u b'hekk jintuża bħala kontejner għat-tablets tal-uranju felement tal-fjuwil.</p>	8109 90 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Noti 3, 5 u 6 sat-Taqsima XV u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 8109 u 8109 90 00.</p> <p>Minħabba l-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tiegħu, l-oġġett jikkorrispondi mal-kliem tal-intestatura 8109, li tinkludi l-oġġetti tal-liga taż-żirkonju li jintużaw, pereżempju, fil-manifattura ta' għantijiet għall-cartridges tal-fjuwil nukleari u ta' strutturi tal-metall għall-impjanti nukleari (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata tal-intestatura 8109).</p> <p>It-tubu għad irid jgħaddi minn diversi proċessi qabel ma jsiru oġġetti identifikabbli speċifiċi minnu. Għalhekk, meta jiġi ppreżentat lid-dwana, il-karatteristiki objettivi tal-oġġett mhumiex dawk tal-elementi tal-fjuwil (cartridges) għar-reatturi nukleari tal-intestatura 8401. Konsegwentement, il-klassifikazzjoni bħala elementi tal-fjuwil (cartridges), mhux irradjati, għar-reatturi nukleari, tal-intestatura 8401 hija eskluża.</p> <p>Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8109 90 00 bħala oġġetti oħrajn taż-żirkonju.</p>